Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,884, 14 ta' Diċembru, 1999
Taqsima B

A.L. 209 ta' l-1999

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għaċ-Ċensura tal-Pellikoli taċ-Ċinematografu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għaċ-Ċensura tal-Pellikoli taċ-Ċinematografu, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1973 dwar id-Drittijiet għaċ-Ċensura tal-Pellikoli taċ-Ċinematografu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 44 ta' l-1973.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"1. Id-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-eżami ta' pellikola taċ-ċinematografu miċ-ċensuri skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 40 tar-Regolamenti ta' l-1937 dwar il-Pellikoli u l-Palk, għandhom ikunu ta' Lm2 għal kull rukkell.".